# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-2 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 29/2016 SM**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

**Craig Anthony George Hands**
**(Karta tal-Identita` Numru 33826A)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-13 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu il-Kummissarju rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi d-Direttiva tal-Kunsill datata s-16 ta' Marzu, 2010, minnu hemm riferita, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fuq l-irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovut minn debituri ta' Stat Membru li jkunu fi Stat Membru iehor;

1.2. Illi d-Direttiva fuq riferita giet implimentata f'Malta permezz tal-Avviz Legali Numru 153 tal-2012, liema Avviz Legali dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2012;

1.3. Illi ghalhekk, il-Ministru responsabbli mill-Finanzi, bhala l-awtorita` kompetenti, jista` jigbor tali taxxa hekk dovuta;

1.4. Illi f'dan ir-rigward l-awtorita` kompetenti tar-Renju Unit ghamlet talba ghall-assistenza lir-rikorrenti odjern biex f'isem il-Ministru responsabbli ghall-Finanzi, jirkupra taxxa dovuta mill-intimat lill-awtorita` estera applikanti;

1.5. Illi l-intimat ghandu jaghti lill-awtorita` applikanti tar-Renju Unit l-ammont ta' sitt elef, erba` mija, erbgha u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€6,464.85), f'taxxa, (ara foll 6);

1.6. Illi *stante* li hemm indikazzjoni li l-intimat jinsab Malta, ir-rikorrenti pproceda ghall-irkupru tal-ammont ta' taxxa minnu dovuta, liema taxxa titqies daqslikieku kienet dejn dovut lill-Gvern ta' Malta;

1.7. Illi gew sodisfatti r-rekwiziti kollha tad-Direttiva *de quo* fir-rigward;

1.8. Illi giet debitament annessa d-debita traduzzjoni skont il-ligi biex l-istess intimat ikun infurmat bit-talba indirizzata fil-konfront tieghu, (ara foll 13);

1.9. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex *ai termini* tal-artiklu 9(6) u (7) tal-Avviz Legali fuq riferit:

1.9.1. Tordna li kopja ta' dan ir-rikors, flimkien mad-dokumenti annessi mmarkati Dok. 'A' u Dok 'B', jigu notifikati lill-intimat skont id-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.9.2. Tordna wkoll ir-registrazzjoni tad-dokument immarkat Dok 'A' anness mar-rikors promotur bhala kopja ufficjali biex b'hekk l-istess jikkostitwixxi titolu ezekuttiv;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

3. Sodisfatta li r-rekwizi tad-Direttiva tal-Kunsill fuq riferita, tal-Avviz Legali Numru 153 tal-2012, u tal-Kap 12 fuq riferit, gew kollha espletati;

Ikkunsidrat:

4.0. Illi in vista tal-premess il-Kummissarju rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

4.1. Tordna li kopja tar-rikors promotur u tad-dokumenti annessi mmarkati Dok. 'A' u Dok 'B' jigu notifikati lill-intimat Craig Anthony George Hands skont il-ligi;

4.2. Tordna r-registrazzjoni tad-dokument immarkat Dok. 'A' anness mar-rikors promotur bhala kopja ufficjali biex b'hekk l-istess jikkostitwixxi titolu ezekuttiv;

4.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat;

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**